

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/887**tat-22 ta' Mejju 2017****dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mit-Tuneżija u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/675***(notifikata bid-dokument C(2017) 3221)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(5) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/496/KEE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiżi terzi.
- (2) Id-Direttiva 97/78/KE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiżi terzi.
- (3) Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer hija waħda mill-aktar mard li jittieħed malajr fl-annimali tal-ifrat, fin-nagħaġ, fil-mogħoż u fil-ħnieżer. Il-vajrus li jikkawża din il-marda għandu l-potenzjal li jinfirx malajr, l-iktar permezz ta' prodotti li jinkisbu minn annimali infettati u oġġetti mhux ħajjin kontaminati, inklużi l-mezzi tat-trasport bħall-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem. Skont it-temperatura li tkun, il-vajrus jista' jipersisti wkoll għal diversi ġimgħat f'ambjent kontaminat 'il barra minn ġisem l-annimal li jkollu l-marda.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 ⁽³⁾ ġiet adottata wara tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija u stabbiliet miżuri ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni li jqisu s-sopravivenza tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-ambjent u r-rotot ta' trażmissjoni potenzjali ta' dak il-vajrus.
- (5) Dawk il-miżuri jipprevedu t-tindif u d-dizinfekzjoni xierqa tal-vetturi u tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem mill-Alġerija li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni kemm b'mod dirett kif ukoll bi tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija, peress li dan huwa l-aħjar mod biex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni rapida tal-vajrus fuq distanzi kbar.
- (6) Fit-28 ta' April 2017, it-Tuneżija nnotifikat il-konferma ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tas-serotip A fit-territorju tagħha. Għalhekk għat-Tuneżija jenħtieġ li jiġu applikati l-istess miżuri ta' protezzjoni bħal dawk li ġew applikati għall-Alġerija.
- (7) Kwalunkwe vettura għall-ġarr tal-bhejjem mill-Alġerija u mit-Tuneżija jenħtieġ li tkun koperta bil-miżuri anke jekk din tasal fit-territorju tal-Unjoni bi tranżitu minn pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ ĠUL 268, 24.9.1991, p. 56.

⁽²⁾ ĠUL 24, 30.1.1998, p. 9.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/675 tas-7 ta' April 2017 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija (ĠUL 97, 8.4.2017, p. 31).

- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/675 tiġi emendata skont dan.
- (9) Jenħtieġ li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni japplikaw għal perjodu ta' żmien li jippermetti li ssir evalwazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żoni affettwati.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/675 għandha tiġi emendata kif ġej:

1. it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

“dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija u mit-Tuneżija”;

2. fl-Artikolu 2(1) u fl-Artikolu 3(1), il-kliem:

“mill-Alġerija, jew direttament jew inkella wara tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija”;

jinbidel bil-kliem:

“mill-Alġerija u mit-Tuneżija kemm b'mod dirett kif ukoll bi tranżitu minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor”;

3. fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 4, il-kelma “Alġerija” tinbidel bil-kliem “Alġerija u t-Tuneżija”;

4. fit-titolu tal-Anness I u t-titolu tal-Anness II, il-kliem:

“mill-Alġerija u daww ġejjin mill-Alġerija bi tranżitu mill-Marokk jew mit-Tuneżija”

jinbidel bil-kliem:

“mill-Alġerija u mit-Tuneżija kemm b'mod dirett kif ukoll bi tranżitu minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni